

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10676/24
ADD 1

SOC 422	JEUN 125
EMPL 243	STATIS 74
EDUC 199	ELARG 76
SAN 318	COMPET 618
ECOFIN 641	MI 575
GENDER 110	MAP 23
ANTIDISCRIM 94	DIGIT 153
FREMP 285	ENV 584
MIGR 260	IND 298

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali - <i>Approvazzjoni</i> - Dikjarazzjoni mill-Irlanda

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Irlanda, fir-rigward tas-suġġett imsemmi hawn fuq.

**Dikjarazzjoni mill-Irlanda dwar id-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar
il-futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**

L-Irlanda tappoġġa bis-sħiħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jipprovdi qafas komprensiv ta' 20 prinċipju li jiggwidaw il-politiki tal-UE u dawk nazzjonali fl-oqsma ta' Opportunitajiet ugwali u aċċess għas-suq tax-xogħol; Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; u Protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-Irlanda hija impenjata bis-sħiħ li ssaħħa l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru.

Il-Kostituzzjoni Irlandiża tipproteġi d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni fl-Artikolu 40.6.1°:

"L-Istat jiggwarantixxi l-libertà għall-eżerċizzju tad-drittijiet li ġejjin, soġġetta għall-ordni pubbliku u l-moralità:

...

iii. id-dritt taċ-ċittadini li jiffurmaw assoċjazzjonijiet u għaqdiet. Madankollu, jistgħu jiġu mgħoddija liġijiet għar-regolament u l-kontroll fl-interess pubbliku tal-eżerċizzju tad-dritt imsemmi qabel."

Is-sistema tar-relazzjonijiet industrijali fl-Irlanda hija essenzjalment ta' natura volontarja. Kien hemm qbil min-naħat kollha li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-ħaddiema huma ddeterminati l-aħjar mill-proċess ta' negozjar kollettiv volontarju bejn min iħaddem jew assoċjazzjoni ta' min iħaddem u trade union waħda jew aktar, mingħajr l-intervent tal-Istat.

Ir-rwol tal-Istat fir-relazzjonijiet industrijali kien fil-biċċa l-kbira limitat għall-faċilitazzjoni tal-proċess ta' negozjar kollettiv permezz tal-istabbiliment b'leġiżlazzjoni, istituzzjonijiet biex jassistu biex isolvu tilwim bejn min iħaddem u l-ħaddiema.